MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 199/2009

**Malpharma Ltd**

**Vs**

**Mark Causon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat minn Mark Causon u li bih, wara li ppremetta illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti gie notifikat b'Mandat ta' Qbid bin-Numru 1343/09 fl-ismijiet hawn fuq premessi in ezekuzzjoni ta'l-ittra Ufficjali Ezekuttiva de quo, u dan fil-11 ta' Mejju 2009, f'liema data dan il-Mandat gie fil-fatt ezegwit fir-residenza ta' l-esponenti;

Illi l-esponenti jikkontendi li l-ittra ufficjali ezekuttiva de quo hija nulla u bla ebda effett fil-Ligi, u dan stante illi r-

rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A(2) ma gewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni tal-fatti;

Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddikjara l-Ittra de quo bhala nulla, konsegwentement l-Mandat ta' Qbid hawn fuq imsemmi jkun null u bla ebda effett fil-ligi;

L-esponenti talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-Ittra Ufficjali Ezekuttiva 5133/08 fl-ismijiet Malpharma Ltd vs Marc Causon hija nulla u bla ebda effett fil-Ligi, u konsegwentement t-titolu ezekuttiv vantat minn Malpharma Ltd huwa ghalhekk null u bla ebda effett fil-Ligi;
2. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi illi l-Mandat ta' Qbid Nru 13

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Malpharma Ltd.

Rat il-kopja tal-mandat in esami u l-verbal tal-esekuzzjoni, annessi a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-2 ta' Gunju 2009 (fol 6 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 9 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet fir-rikors tar-rikorrenti Mark Causon ghandhom jigu michuda stante li fl-ewwel lok l-eccezzjoni tan-nullita kellha tigi prezentata entro t-tletin jum preskritti mill-ligi minn notifika ta' l-ittra ufficjali u dan permezz ta' nota jew risposta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ma jidhirx li qed jikkontesta n-notifika li saret validament skond il-Ligi fl-10 ta' Dicembru 2008. Ili ghalhekk ir-rikors odjern ma tirrizulta ebda raguni valida ghalfejn ir-rikorrenti ma pprezentax risposta/nota fl-atti ta' l-ittra kif kellu dritt li jaghmel fiz-zmien moghti lilu mill-ligi.
3. Illi fit-tieni lok l-esponenti issostni illi l-ittra ufficjali in kwistjoni hija valida skond il-Ligi stante li gew osservati r-

rikwiziti mandatarji kollha imposti mill-Artikolu 166A tal-Kap 12;

4. Illi mir-rikors promotur ma jirrizultax x'kienu dawk ir-rekwiziti mandatarji li ma gewx rispettati.

5. Illi ghalhekk it-talbiet kontentuti fir-rikors datat 29 ta' Mejju 2009 ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2009 (fol 10 tal-atti) b'mod specjali bejn jinghad "Ir-rikorrenti qed jispecifika illi hu qed jibbaza in-nullita tal-ittra ufficjali fuq it-tielet rekwizit cjoe "a statement of facts in support of the Claim" ('dikjarazzojni tal-fatti b'sostenn tat-talba').

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, bhala fatti jirrisulta mill-atti illi r-rikorrenti kien gie <u>notifikat</u> bl-ittra ufficjali li tinsab esebita a fol 4 tal-atti u peress illi l-istess intimat ma kienx wiegeb fi zmien tletin (30) jum, l-istess ittra ufficjali giet reza titolu ezekuttiv skond –artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement, is-socjeta' intimata ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' qbid ezekuttiv (fol 2 tal-atti), liema mandat gie esegwit kif jidher a fol 3 ibid u dan fil-11 ta' Mejju 2009. Kien, hawnhekk, li r-rikorrenti ppresenta r-rikors in esami u dan fid-29 ta' Mejju 2009.

Illi, minn dak premess, jidher car illi l-ittra ufficjali kienet giet reza ezekuttiva minhabba nuqqas da parti tar-rikorrenti. Pero', jidher ukoll illi hemm rimedju iehor disponibbli f'kaz bhal dan u dan skond kif provdut fl-artikolu 166A (5) ibid li jghid li titolu ezekuttiv ottjenut skond l-artikolu in esami ghandu jigi rexiss u dikjarat null jekk, wara rikors presentat entro ghoxrin (20) jum minn l-ewwel notifika li ssir ta' xi mandat ezekuttiv, il-Qorti tkun sodisfatta illi l-ittra ufficjali ma kienetx notifikata skond kif jmiss <u>jew</u> li l-istess ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulat fis-subartikolu (1) (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

Illi, kif di gja inghad, ma hemmx dubbju illi l-ittra ufficjali in esami giet notifikata lir-rikorrenti u li dan bl-ebda mod ma wiegeb ghaliha, skond kif rikjest mill-ligi, illi l-istess ittra ufficjali ghandha l-intimazzjoni rikjesta ukoll mill-ligi.

Illi, ir-rikorrenti, pero' qed jghid illi l-istess ittra ma ghandhiex dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba (art 166A (2)). Dwar dan il-punt, giet analizzata l-istess ittra ufficjali, kif presentata minnha jirrisulta illi r-rikorrenti gie interpellat sabiex jhallas lis-socjeta' intimata s-somma ta' €6258.51.

L-istess ittra tkompli billi jinghad go fiha illi l-istess somma hi dovuta bhala konsegwenza ta' bejgh lir-rikorrenti u da parti tas-socjeta' intimata ta' medicina fornuta. Lilu u dan meta r-rikorrenti kien qed jiggestixxi spizerija f'Bugibba bl-isem ta' Promenade Pharmacy u dan kollu matul ix-xhur ta' qabel.

Jitkompla jinghad fiha illi r-rikorrenti kien gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas dan id-dejn cert likwidu u dovut izda xorta wahda ir-rikorrenti ma kienx effettiva l-hlas tal-ammont imsemmi.

Hawnhekk il-Qorti tara illi bl-ebda mod ma jista' jirrisulta n-nuqqas allegat mir-rikorrrenti. Difatti dak kontenut fl-istess ittri oltre li jissodisfa dak rikjest mill-ligi 'in materia' u hu pjenament sufficjenti sabiex wiehed jghid illi, fl-ittra in esami hemm fil-qosor izda b'mod car, dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------